# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 209/2012

## tas-7 ta' Diċembru 2012

## li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 523/2012 tal-20 ta' Ġunju 2012 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-inklużjoni ta' ċerti Regolamenti tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi motorizzati, il-karrijiet tagħhom u sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati intiżi għalihom ([1]), għandu jkun inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) L-Anness II tal-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Kapitolu I tal-Anness II għall-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Dan li ġej għandu jiżdied mal-punt 45zza (ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

   "— **32012 R 0523**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 523/2012 tal-20 ta' Ġunju 2012 (ĠU L 160, 21.6.2012, p. 8)."

2. Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 45zzq (ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 351/2012):

   "45zzr. **32012 R 0523**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 523/2012 tal-20 ta' Ġunju 2012 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-inklużjoni ta' ċerti Regolamenti tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi motorizzati, il-karrijiet tagħhom u sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati intiżi għalihom (ĠU L 160, 21.6.2012, p. 8)."

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament (UE) Nru 523/2012 bil-lingwa Islandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-8 ta' Diċembru 2012, sakemm in-notifiki kollha fl-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE jkunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Diċembru 2012.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*
*Il-President*
Atle LEIKVOLL

([1]) ĠU L 160, 21.6.2012, p. 8.

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.